MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1699/1994/2

**George Papagiorcopulo**

**vs**

**Jimmy Magro u Mario Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rainbow Productions Limited u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2001 il-kliem Jimmy Magro u Mario Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rainbow Productions Limited gie sostitwit ghall-One Productions Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi fil-bullettin tal-ahbarijiet mxandara fl-4 t'Ottubru 1994 minn fuq Super One Television – u li l-parti rilevanti hija traskritta f'Dok 'A' – gew attribwiti fatti determinati li huma

foloz u malafamanti fil-konfront tal-istanti bl-iskop illi jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi l-attur ghalhekk talab li l-konvenuti *nomine* jghidu ghaliex:

1. M’ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din l-Qorti illi x-xandira suriferita hija libelluza malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u

2. M’ghandhomx jigu kkundannati ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti fl-ammont li ma jeccedix elfejn lira (Lm2,000) bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Att XL tal-1974.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* a fol. 10 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione materiae* billi l-kwistjoni hija prettament ta’ natura civili.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittturi f’din il-procedura billi l-ligi ssemi car min huma n-nies responsabbli taht il-ligi tal-istampa.

3. Illi l-attur irid jipprova skond il-ligi il-kontenut tax-xandira li qed jaghmel riferenza ghaliha.

4. Illi subordintament u bla pregudizzju jirrizulta li dak li gie mxandar mhuwiex libelluz fil-konfront tal-attur peress li kien biss rapport ta’ proceduri li nbdew quddiem il-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, li hija Kummissjoni mwaqqfa b’ligi b’poter tal-Qrati Civili.

5. Illi l-mezzi tax-xandir ghandhom dritt u dmir li jirraportaw ix-xoghol ta’ organi tal-istat partikolarment dwar nies pubblici – *diritto di cronaca*. Dan huwa principju accettat fis-socjetajiet kollha evoluti u demokratici.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom a fol.11 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Mejju 1995; tal-1 ta’ Novembru 1995; tas-7 ta’ Dicembru 1998; tal-5 ta’ Mejju 1999 fejn xehed Alfred D.Baldacchino; tat-12 ta’ Jannar 2000 fejn xehed Dr Kevin Aquilina; u tal-21 ta’ Frar 2000 fejn xehed Dr Victor Zammit;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ Marzu 2000; tal-24 ta’ Mejju 2000; tat-12 ta’ Ottubru 2000 fejn Dr Zammit Maempel iddikjara li m’ghandux provi aktar; tat-30 ta’ Jannar 2001; tat-22 ta’ Frar 2001; u tal-10 ta’ Mejju 2001;

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa kopja tal-Memorandum and Articles of Association ta’ Rainbow Productions Limited;

Rat in-nota ta’ Jimmy Magro li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Gunju 2001; tal-20 ta’ Novembru 2001; tal-15 ta’ Jannar 2002; tat-12 ta’ Marzu 2002 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Zammit Maempel iddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-konvenuti u d-difensur taghhom msejhin diversi drabi ohra baqghu ma dehrux u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa; tas-16 ta’ Mejju 2002 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2002; tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn giet differita ghall-istess skop ghall-10 ta’ Dicembru 2002; tal-10 ta’ Dicembru 2002 fejn giet differita ghas-6 ta’ Marzu 2003; tas-6 ta’ Marzu fejn giet

differita ghas-27 ta' Marzu 2003; u tas-27 ta' Marzu 2003 fejn giet differita ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza *stante* li qed ihossu malafamat bil-bullettin tal-ahbarijiet mxandra fl-4 ta' Ottubru 1994 minn fuq Super One Television. Infatti nqrat ittra anonima allegatament moghtija lill-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Illi b'hekk gew attribwiti fatti determinanti li huwa jsostni li huma foloz u malafamanti fil-konfront tieghu. Infatti gie allegat illi waqt li kien ufficjal tal-MIMCOL huwa wettaq diversi atti ta' korrezzjoni, inqabad mill-Ministru John Dalli izda nthalla kollox mistur; anzi l-attur gie trasferit fil-Malta International Airport fejn rega' allegatament beda bl-estorsjoni u korruzzjoni.

Illi l-konvenuti *nomine* eccepew l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* billi l-kwistjoni hija prettament ta' natura civili. Bla pregudizzju, eccepew illi m'humiex il-legittimi kontraditturi ghax il-ligi ssemmi car min huma n-nies responsabbli taht il-ligi tal-istampa; kif ukoll li jrid jipprova skond il-ligi l-kontenut tax-xandira. Huma cahdu li dak li gie mxandar kien libelluz u nvokaw *"il diritto di cronaca".*

## III. L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi l-konvenuti *nomine* eccepew l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae materiae* billi l-kwistjoni hija prettament ta' natura civili.

Illi din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' ghax hija l-ligi stess fl-Att dwar l-Istampa li taghti l-kompetenza lil din il-Qorti fi kwistjoni bhal dik odjerna. Illi l-**artikolu 27** tal-istess Att jipprovdi illi l-proceduri kriminali huma independenti mill-proceduri civili. Imbaghad l-artikolu sussegwenti jipprovdi dwar il-massimu tad-danni li l-Prim Awla tal-Qorti Civili

tista’ tordna li jithallsu lil min ikun immalafama lil haddiehor.

**IV.IT-TIENI ECCEZZJONI**

Illi l-konvenuti *nomine* eccepew illi huma m’humiex il-legittimi kontradditturi ghax il-ligi ssemmi car min huma n-nies resposabbli taht il-ligi tal-istampa. Huma jsostnu li kellu jkun l-editur li kellu jigi mharrek u mhux huma. Min-naha l-ohra l-attur sostna li ma setax jaghmel mod iehor ghax ma kienx maghruf l-editur minhabba li ma kienx registrat.

Illi **Alfred D. Baldacchino,** agent direttur tal-Informazzjoni u dik ta’ Registratur tal-Istampa, xehed illi matul ix-xahar ta’ Ottubru 1994 ma kienx hemm editur registrat tas-Super One Television. Illi mill-*files* tad-dipartiment jirrizulta minn minuta registrata mid-Direttur precedenti li kien ukoll Registratur tal-Istampa datata 24 ta’ Marzu, 1994 li tghid “Registration forms sent to Mr Evarist Bartolo on 24$^{th}$ March 1994”. Mill-istess *files* irrizulta illi saru diversi *reminders* u l-ahhar wahda saret fl-10 ta’ Jannar 1995. Fis-16 ta’ Jannar 1995 il-konvenut Jimmy Magro baghat ir-*registration form* u Etienne St.John gie registrat bhala l-ewwel editur tas-Super One Television. Din ir-*registration form* intbaghtet b’*covering letter* tar-Rainbow Productions Limited fuq il-firma ta’ Jimmy Magro bhala *Managing Director*. Illi in kontro-ezami qal li l-predecessur tieghu kien kellem lil Evarist Bartolo ghax kellu xi informazzjoni li hu kien qed jagixxi ta’ editur. Jimmy Magro qatt ma kien registrat bhala editur tas-Super One Television. Huwa l-obbligu tal-editur li jkun illi jimla l-formola appozita u jibghatha lilhom.

Illi **Jimmy Magro** xehed li fin-1994 kien direttur tas-socjeta` Rainbow Productions Limited flimkien ma’ Mario Vella u Leonard Sacco. Rainbow Productions Limited kienet bidlet isimha ghal One Productions Limited. Hu kkonferma li l-istazzjon Super One Television kien proprjeta’ tas-socjeta` Rainbow Productions Limited pero` ma kienx jitmexxa mill-kumpanija izda mill-i*Station Manager* li kellu responsabbilta` shiha ghat-tmexxija ta’ l-

istazzjon. Rigward l-ahbarijiet dan kien jitmexxa minn Etienne St. John li kellu responsabbilta` editorjali ghall-ahbarijiet u anke ghall-programmi ta’ *current events.* Dan kien maghruf ghax fil-programmi kollha taht ir-responsabbilta` tieghu kien jidher ismu bhala editur. Fl-ahhar tal-bullettini tal-ahbarijiet, fil-*credits*, kien jidher isem Etienne St. John bhala editur u responsabbli tal-ahbarijiet.

Illi fl-ewwel lok din il-kawza nbdiet u tirreferi ghal fatti li graw qabel l-emendi tal-1996. Illi fit-trattazzjoni Dr Joseph Zammit Maempel ghall-attur sostna li skond l-Artikolu 25 tal-Kap 248 hemm l-obbligu li jigi registrat l-editur tal-istazzjoni jew tal-gurnal. Izda f’dan il-kaz jirrizulta mill-provi li r-registrazzjoni ma saritx. B’hekk meta ried isir il-libell ma kien hemm hadd illi kien azzjonabbli skond ir-registratur tal-istampa ghax ma kien hemm hadd registrat u kwindi l-kawza saret kontra s-socjeta` Rainbow Productions Limited li hi l-proprjetarja ta’ Super One Television.

Illi huwa jsostni li harrek sew ghax huwa ma kienx jaf min hu l-*manager* u ma setax isir jaf min hu ghax hu m’ghandux access internament. Hu sostna li fl-ahhar mill-ahhar huma d-diretturi tas-socjeta` li qed jirraprezentawha li ghandhom id-dmir u l-obbligu li huma jirregistraw editur. Huma naqsu li jaghmlu dan. Dan in-nuqqas ta’ legalita` ma jistax pero` jigi ppremjat.

Illi fit-trattazzjoni tieghu Dr Pawlu Lia ghall-konvenuti *nomine* sostna li l-azzjoni ma saritx kontra xi hadd li hu azzjonabbli taht il-ligi anki jekk kien hemm min kien azzjonabbli u seta’ facilment jasal ghalih. Huwa sostna li l-emenda tal-1996 dahlet definizzjoni gdida ta’ “responsabbli ghall-pubblikazzjoni”. Infatti l-ligi ghamlet responsabbli lill-persuna li tkun sid ta’ pubblikazzjoni ta’ mpriza ghall-pubblikazzjoni ta’ gazzetta jew li jkollha licenzja ghal xandir u tinkludi kull persuna li jkollha facilitajiet ghall-produzzjoni u riproduzzjoni tal-istampa. Kwindi huwa biss b’din l-emenda li min huwa sid tal-impriza tal-pubblikazzjoni jew li jkollu licenzja ghax-xandir li dahal responsabbli. Dan huwa responsabbli *in default* li

jkunu maghrufa l-persuni li huma primarjament responsabbli.

Illi l-istess difensur tal-konvenuti *nomine* sostna li mhux minnu li fin-1994 taht il-ligi kien l-obbligu tal-kumpanija li tirregistra l-editur. L-editur jew l-istampatur ta' gazzetta kellu l-obbligu li fi zmien ghaxart ijiem li jsir editur jew stampatur skond il-kaz irid jirriproduci lir-Registratur dikjarazzjoni b'certu dettalji fiha. Il-ligi timponi dak l-obbligu fuqu.

Illi l-persuna azzjonabbli fil-kaz in kwistjoni qal illi l-persuna li ghamlet ix-xandira kienet tidher u seta' jara min kienet ghax qrat ix-xandira. Rigward il-*manager* tal-istazzjon kien facli li jkun jaf min huwa ghax l-Awtorita` tax-Xandir ittih din l-informazzjoni. Rigward *"u l-persuna ohra responsabbli ghal dik ix-xandira li tkun saret"* jidher fil-*merits* tal-*video* ezebit fil-process minn fejn jidher car li editur responsabbli editorjalment huwa Etienne St. John. Il-ligi kif kienet ma ssemmix il-kumpanija li hija l-*owner.*

Illi skond l-**artikolu 23 tal-Att Dwar l-Istampa** qabel l-emenda tal-1996 u li kien fis-sehh meta graw il-fatti tal-kaz odjern kien jipprovdi li l-persuni li kontra taghhom tista' titmexxa azzjoni kriminali kienu:

*"(c) l-editur tal-gazzetta li fiha l-kitba tkun giet pubblikata;*

*(d) il-persuna li taghmel jew li tkun responsabbli ghax-xandir u l-manager jew il-persuna l-ohra responsabbli ghall-mezz tax-xandir li bih tkun saret ix-xandira."*

Illi mbaghad l-**artikolu 35 tal-Att Dwar l-Istampa** kien jipprovdi s-segwenti:-

*"(1) Kull min ikun l-editur jew l-istampatur ta' gazzetta ghandu, fi zmien ghaxart ijiem li jsir editur jew stampatur, skond il-kaz, jipproduci lir-Registratur dikjarazzjoni li jkun fiha –*

*(a) fil-kaz ta' l-editur –*

*(i) ismu u kunjomu, l-eta' u l-post tar-residenza tieghu; u*
*(ii) l-isem u x-xorta tal-gazzetta, u kull meta jkun mahsub li tigi pubblikata; u*

*(b) fil-kaz ta' stampatur –*

*(i) ismu u kunjomu, l-eta' u l-post tar-residenza tieghu;*
*(ii) l-isem u x-xorta tal-gazzetta u kull meta jkun mahsub li tigi pubblikata; u*
*(iii) l-isem u l-indirizz ta' l-istamperija fejn tkun se ssir l-istampa;*

*u, kemm l-editur kif ukoll l-istampatur ta' kull gazzetta ghandu jzomm lir-Registratur f'kull hin imgharraf bil-post tar-residenza tieghu u ghandu jibghat lir-Registratur kull tibdil fil-post ta' residenza tieghu fi zmien ghaxart ijiem minn dak it-tibdil.*

*(2) Jekk xi persuna tonqos li thares xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tehel, meta tinsab hatja, multa."*

Illi mbaghad l-**artikolu 41A** tal-istess Att jipprovdi illi:-

*"Kull stazzjon tax-xandir f'Malta ghandu jahtar persuna li jkollha l-kwalifiki elenkati fl-artikolu 34 sabiex ikun l-editur ta', u jkun bhala editur responsabbli ghal, dak l-istazzjon tax-xandir."*

Illi rrizulta mill-provi li Etienne St. John kien qed jagixxi ta' editur fis-Super One Television almenu fil-kaz ta' l-ahbarijiet – izda huwa naqas milli jottempera ruhu mal-ligi bir-registrazzjoni indikata. Irrizulta li l-predecessur ta' Alfred D. Baldacchino kien kellem lil Evarist Bartolo (ghax kien sema' li kien qed imexxi hu) u baghtlu *registration forms* izda dan kien ghalxejn. Huwa minnu li l-obbligu skond il-ligi huwa fuq l-editur li jirregistra ruhu bhala tali. L-obbligu tal-kumpanija huwa li tappunta editur. Il-konvenuti *nomine* sostnew li mill-*credits* tal-ahbarijiet l-attur seta' facilment jara min kien l-editur responsabbli izda fl-

opinjoni ta’ din il-Qorti li persuna jipprova jindovina min kien responsabbli ta’ l-azzjoni fil-konfront tieghu sempliciment ghax dan ta’ l-ahhar ma ottemperax ruhu mal-ligi mhux il-metodu li ghandu jigi segwit u adoperat.

Illi skond l-**artikolu 4(d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** *“l-espressjoni “persuna” tinkludi ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika jew le”.*

Illi ghalhekk meta l-**artikolu 23 (d) tal-Att dwar l-Istampa** jitkellem dwar *“il-persuna l-ohra responsabbli ghall-mezz tax-xandir li bih tkun saret ix-xandira”* din ghandha tinkludi wkoll fiha s-socjeta` konvenuta li ghandha l-licenzja biex ixxandar bl-istazzjon taghha.

Illi mhux hekk biss izda jekk wiehed imur ghad-definizzjoni ta’ persuna skond l-**artikolu 2 tal-istess Kap 248** jinghad “*tinkludi korp ta’ persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le”*.

Illi ghalhek fic-cirkostanzi jinghad li l-azzjoni attrici treggi kontra s-socjeta` konvenuta u ghalhekk din it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## V. MERTU TAL-KAWZA

Illi rigward il-mertu tal-kaz l-attur spjega li bejn l-1998 u l-1991 kien impjegat bhala ufficjal mal-kumpannija Malta Investment Management Company Limited (MIMCOL) u bejn 1991 u 1995 kiem impjegat bhal *“Deputy Chairman u Managing Director”* mal-Kumpanija Malta International Airport Limited.

Illi b’riferenza ghar-rapport imxandar fuq Super One Television fl-4 ta’ Ottubru 1994 huwa cahad kategorikament illi meta kien ufficjal tal-MIMCOL hu talab eluf kbar ta’ liri bhala rigal biex ikun jista’ jsir in-negozju kif tallega l-ittra anonima mxandra. Huwa cahad illi huwa jew wahdu jew flimkien ma’ Dr. Loredan Gatt kien talab jew talbu Lm90,000 rigal biex isir negozju ma’ min kiteb din l-ittra anonima. Hu cahad ukoll illi kien hemm kumpaniji

ohrajn illi ghaddew mill-istess proceduri ta’ korruzzjoni u li ntalbu l-flus. Hu cahad ukoll illi hu, wahdu jew ma’ Dr Gatt kienu nqabdu jew gew investigati mill-Ministru tal-Finanzi John Dalli jew xi Ministru jew awtorita` ohra. Inoltre` cahad li meta kien jahdem mal-kumpanija Malta International Airport Limited hu talab somma ta’ Lm2,000 lil min kiteb l-ittra anonima biex ikun iffirmat kuntratt sabiex isir uzu ta’ ufficju fl-ajruport. Inoltre’ cahad illi fl-istess zmien meta kien jahdem mal-Malta International Airport Limited talab rigal ta’ Lm6,000 kif ukoll 5% tal-qliegh annwali u *vouchers* tal-petrol b’xejn ghall-mara tieghu minn min kiteb l-ittra sabiex jiehu t-*tender* ghall-pompa tal-petrol ta’ l-ajruport.

Illi huwa qal illi minhabba li dawn l-allegazzjonijiet huma specifici u mhux vagi, u kwindi s-semmiegha ta’ stazzjoni tat-televizjoni jaccettawhom b’facilita` akbar. Illi dawn l-allegazzjonijiet jammontaw ghal reati serji ta’ korruzzjoni u abbuz ta’ kariga pubblika li jimportaw piena ta’ prigunerija. Inoltre’ hu jsostni li l-allegazzjonijiet hekk kif imxandra jista’ jkollhom effett negattiv fuq il-karriera professjonali tieghu u fuq opportunitajiet ta’ xoghol gdid ghalih.

Illi **Jimmy Magro** fl-affidavit tieghu xehed li l-kumpanija ma kellha x’taqsam xejn la mal-produzzjoni u lanqas mal-kontenut tal-ahbarijiet jew il-programmi ta’ l-istazzjon. Dawn kienu responsabbilta` ta’ l-i*Station Manager* u l-editur. Huwa qal li la huwa u lanqas id-diretturi l-ohra tal-kumpanija ma kienu jaraw programmi jew ahbarijiet minn qabel. Huwa qal li l-*item* ezebita bhala *transcript* tal-ahbarijiet huwa ma rahiex qabel u raha biss fl-atti tal-kawza. Hu ma jaf xejn dwar il-kontenut u b’hekk ma jistax jikkummenta. Kwindi hu ma jistax jikkonferma l-ezattezza tat-*transcript*. Illi jidher pero` mill-informazzjoni li gabar li l-*item* in kwistjoni kienet mehuda minn atti li kienu saru quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni dwar il-Korruzzjoni. Huwa personalment ma jista’ jghid xejn dwar din il-persuna u anqas biss jafu minn wiccu. Hu zgur li mhux xi persunagg li kien hemm xi kampanja jew xi intenzjonijiet kontra tieghu.

Illi Dr Zammit Maempel sostna li dwar il-mertu m'hemmx diffikulta'. Dr Pawlu Lia sostna li l-kumpanija ghalkemm hija l-*owner* ma tindahalx fid-*day-to-day running* u m'ghandha x'taqsam xejn max-xandir tal-ahbarijiet. Huma ma kienux jafu bix-xandira minn qabel – kwindi ma jistax jinghad li dawn kienu jafu biha u ppermettewha. Kwindi anki jekk dawn huma responsabbli legalment il-ligi tnaqqas b'mod drastiku fil-piena ghax ma kienux personalment involuti u ma kienux jafu biha.

Illi kif intqal fis-sentenza **"L-Onor. Avukat Dottor Louis Galea vs L-Onor. Prim Ministru Dottor Alfred Sant"** (Cit. Nru 945/97/RCP – 23 ta' Mejju 2002):

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A.  3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius"** (Citaz. Numru 1755/97/RCP – P.A. 21 ta' April 1999) u **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP - P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"** (Citaz. Numru 1840/97/RPC - P.A. 14 ta' Ottubru 1999), u wkoll **"Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji llum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et."** - A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa

ukoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Illi 'nfatti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996)li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **("Reginald Miller vs Harold Scory"** - XXXVI.iv.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*'fair comment'*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* (**"Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. Citazz. Nru. 929/90/JSP - 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali w ordinrju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinry men of ordinry intelligence, with the ordinry man's general knowledge and experience*

*of world affairs, would be likely to understand them”,* dan jista’ jinkludi *“any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*”.**(“Jones vs Skelton”** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.)).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x’ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta’ libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**. (“Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo *nomine*”** - A.C. (JSP) 8 ta’ Gunju 1999).

Illi dan jista’ jsir ukoll pero` permezz ta’ “*innuendo”* li fil-kawza “**G. Strickland vs Goffredo Chretien”** (A.C. 12 ta’ Frar 1937, XXIX.I.859) giet imfissra hekk:-

*“Il-kelma ‘innuendo’ tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba nkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant”.*

Illi fil-kawza **“Il-Pulizija vs Joseph Olivieru Munroe”** (XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*“F’materja ta’ ingurja permezz ta’ l-istampa l-ingurja tista’ tirrizulta permezz ta’ ‘innuendo’. L-‘innuendo’ jista’ jkun ta’ zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b’isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata”.*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *“ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f’din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta’ talvolta kellu f’rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li*

*jaqra il-qarrej”* **(“Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et.”** - P.A. (W.H.) 28 ta’ Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f’dan ir-rigward li jigi innotat dak li ntqal fis-sentenza **“Anglu Fenech proprio et *nomine* vs Carmelo Callus”** (A.C. 4 ta’ Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinment Malti, b’dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna jridu jiehdu il-konsiderazzjoni, il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, *stante* li llum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f’dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

Illi fil-kawza **“Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et”** (A.C. 8 ta’ Novembru 1995) intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *“il-margini ta’ tolleranza twessa’, u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ngurja”, “dan li l-Qorti ghandha tippermetti l-attitudini fil-kritika li tista’ tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f’socjeta` demokratika”,* u tali regoli ghandhom jigu applikati b’iktar wiesgha f’kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta’ certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta’ interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi **“John Zammit vs Felix Agius”** (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta’ Marzu 2001, kif ukoll f’ “**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**” (Cit Nru 122/99/RCP), “**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et”** (Cit Nru 123/99/RCP), “**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**” (Cit Nru 129/99/RCP), “**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima”** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta’ Ottubru

2000, u "**Av Dr A. Borg Cardona vs Dr J. S. Abela et"** deciza 24 ta' Jannar 2002 - Cit Nru**:** 1311/98/RCP.

Illi ghal dak li jittratta dwar persuni pubblici tajjeb ukoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li fil-kuntest ta' kritika tal-istess persuni u politici u ta' l-operat taghhom, kienet u ghadha permessa l-attitudini wiesgha ta' fehmiet u opinjonijiet horox anke jekk mhux misthoqqa, u kultant ingusti. Dik il-gurisprudenza giet elaborata f'diversi gjudikati f'dawn l-ahhar snin, fosthom is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Vincent Borg vs Victor Camilleri et"**, (A.C. 15 ta' Novembru, 1994, (Vol. LXXVIII. ii.372)).

Illi pero` fl-istess sentenza inghad li l-Qorti kienet *"tissottoskrivi l-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-istampa (Kap 248) ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi nterpretat fil-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.*

*"Dan l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madankollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita' billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi".*

Illi wiehed irid f'dan il-kuntest ihares lejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif qed tizviluppa wara s-sentenza awtorevoli w immorattiva fil-kaz **"Lingens"** u fil-kaz iehor **"Oberschlick"** fejn il-Qorti Ewropeja rriteniet li ma kienetx mehtiega f'socjeta` demokratika, ligi li tirrikjedi l-prova tal-verita' ta' opinjonijiet rigward figuri politici. Kuncett dan zviluppat fis-sentenza fil-kawza **"Thorgierson vs Iceland",** (1992) li bih l-applikant kien gie misjub hati ta'

malafama tal-Pulizija f'diversi artikoli kritici hafna tal-komportament u dixxiplina taghhom.

Illi fil-fatt l-istess Qorti sostniet li *"Finding for the applicant the Court decided that the strong language followed from the author's assessment of the allegations of others and the state of public opinion about police misbehaviour. He (l-applikant) did not make any allegations which he should have been called upon to prove. He was writing about a matter of serious concern and his vigorous copy was designed to serve this purpose or drawing attention to it......".*

Illi m'hemm l-ebda dubju li fil-kaz in kwistjoni tirrizulta li bix-xandira in kwistjoni l-attur gie malafamat ghaliex huwa minnu li ntqal illi l-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni rceviet ittra anonima izda mbaghad il-mod kif l-ahbar kienet ixxandret qeghda b'mod li ndividwu facilment jehodha bhala stat ta' fatt u b'hekk jemmen li hija l-verita` anki jekk irrizulta li ma saret ebda verifika min-naha tal-istazzjoni izda sempliciment inqrat l-ittra. Illi hu minnu li tezisti l-liberta` tal-istampa u d-dritt li persuni pubblici jigu kkritikati ta' akkuzi serji bhal dawn, li gew allegati b'mod anonimu, zgur li kellhom isiru l-verifiki necessarji qabel ma jixxandru b'dan il-mod. Il-konvenuti *nomine* qalu li huma ma kienu jafu b'xejn izda dan ma jezonerhomx mir-responsabbilta` taghhom li r-reputazzjoni tal-individwu ghandha tigi mharsa u rispettata.

Illi fis-sentenza **"L-Onorevoli Avukat Dottor Louis Galea vs L-Onor. Prim Ministru Dottor Alfred Sant"** (Cit. Nru 945/97/RCP – 23/5/02) il-Qorti rreferiet ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Onor. Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et"** (A.C. (JSP) 16 ta' Jannar 2002) fejn l-Ewwel Qorti giet ikkwotata meta kienet qed tikkummenta dwar meta persuna jaghmel asserzjoni ta' fatt determinat. Dik il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-kritika hi fondamentali f'socjeta` demokratika, pero` dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkunu ta' nteress pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm*

*involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-Gately (op.cit.) jghid- 'In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men'. Il-Gately jispecifika inoltre illi – 'Unless there is some clear evidence of malice or some mistatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be'. Ghar-rigward ta' x'jikkostitwixxi mistatement of fact l-istess Gately ighid- 'It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct';*

*Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista' jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata nterpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa w azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli. (Vide Appelli Civili, "**Fenech vs Callus et**" - 4 ta' Frar, 1994; "**Sant vs Camilleri et**" - 14 ta' Frar, 1994; u "**Mons A Gauci vs M. Schiavone et**" - 8 ta' Novembru, 1995).*

*Illi ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero` hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta` in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, … ...,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici".*

Illi dan kollu gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "**Eddie Fenech Adami et vs. Joseph Vella et**" deciza fl-1 ta' Frar, 1998 meta gie ritenut:

*"Il-ligi taghna mhix njara tal-kuncett ta' nteress pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita` tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Pero` altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippubblikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' "publish and be damned" qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna … ...".*

Illi dan gie segwit *ad litteram* fis-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza "**Onor Dr Alfred Sant vs Dione Borg et**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u "**Onor Dr Alfred Sant vs Gordon Pisani et**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fejn inghad:

*"Illi dan jinghad ghaliex l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-prezervazzjoni ta' ntegrita` u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f'certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir iktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika".*

Illi t-test li jigi applikat dwar is-sinifikat tal-istess xandira huwa li l-ezami ghandu *"jkun wiehed oggettiv biex tara jekk dak li nkiteb u gie prezentat bhala fatt lill-qarrejja kienx wiehed jew le malafamanti fil-konfront tal-persuna li lejha l-addebitu kien dirett".* (**"Onor. Dr. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et"** (A.C. (JSP) 16 ta' Jannar 2002).

Illi dan ifisser li ghalkemm sar zvilupp fis-sistema legali taghna fis-sens li r-restrizzjonijiet li taghmel il-Ligi ta' l-Istampa **(Kap.248)** ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' lartikolu **41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll fl-isfond ta' l-**artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet TalBniedem** (kif interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani), u kwindi dan wessa' d-dritt ta' l-espressjoni; madankollu l-istampa ma nghatat ebda

passaport ta’ immunita`. Dejjem tibqa’ l-htiega li jinzamm sens ta’ proporzjon bejn il-liberta` ta’ l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f’socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma’ l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta’ reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

Illi fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda harsien ghar-reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li seta’ kien qed igawdi l-attur u li kellu dritt igawdi. Anzi l-ittra anonima giet imxandra daqs li kieku kienet stat ta’ fatt u verita` – haga li mhiex permissibbli u li m’ghandhiex tkun fi stat demokratiku fejn id-drittijiet tal-bniedem huma tant salvagwardjati u fejn il-gurnalizmu, fost affarijiet ohra, ghandu jkun professjonali u mhux sempliciment sensazzjonali u mezz biex jintefa’ t-tajn fuq individwu specjalment jekk dan ikollu karigi pubblici u b’hekk tali azzjoni tista’ twassal mhux biss ghal nuqqas fir-reputazzjoni tieghu izda wkoll ghal telf ta’ l-istess impjieg jew it-tnaqqis ta’ cans li jakkwista mpjieg iehor, kif ukoll ghal procedura kriminali.

Illi kwindi anki l-eccezzjonijiet fil-mertu qed jigu michuda.

## VI. LIKWIDAZZJONI

Illi ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28(1) tal-Kap 248** li kien fis-sehh fid-data ta’ meta saret il-malafama ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u l-gravita` tieghu kif premess il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta’ tmien mitt lira Maltija (Lm800).

## VII. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *nomine*, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xandira surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) bhala danni b'applikazzjoni ta' **l-artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti *nomine*.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------